# JUNIOR LYCEUMS FINAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 5 | STUDJI SOĊJALI ( OPTION) | ĦIN: SIEGĦA U TLIET KWARTI |
|---|---|---|

Isem: ______________________________________ Klassi: _______________

TAQSIMA A

*Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. Uża madwar 30 kelma għal kull tweġiba:*

1. X'tifhem bi dritt fundamentali tal-bniedem? Agħti eżempju wieħed ta' dan id-dritt.
2. X'tifhem b'ugwaljanza bejn is-sessi? Semmi miżura li ttieħdet biex ikun hawn din l-ugwaljanza f'Malta.
3. Spjega d-differenza bejn Istituzzjoni Amministrattiva u Istituzzjoni Ġudizzjarja.
4. Semmi għaqda volontarja li toffri xi ħidma soċjali. Spjega x-xogħol li twettaq.
5. X'inhu 'pressure group'? X'mezzi juża biex jipprova jinfluwenza lin-nies fl-awtorita'?
6. Karatteristika ta' soċjeta' demokratika hi l-pluraliżmu. X'tifhem bi 'plurarlizmu'? Agħti eżempju ta' pluralizmu f'Malta.
7. X'inhu Kunsill Lokali? X'jissejjaħ il-kunsillier ewlieni fil-Kunsill Lokali?
8. Semmi t-tliet prinċipji bażiċi tad-demokrazija.
9. Fisser kif is-servizzi tas-saħħa jinfluwenzaw is-saħħa tas-soċjeta'.
10. Il-mass media jissejħu wkoll mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Għaliex?

( 30 marka )

TAQSIMA B

1. *Aqra is-silta u wieġeb:*

"Jisimni Rose u għandi 82 sena u nbati bl-artrite. Ikolli nimxi bil-bastun. Nilbes il-'hearing aid', imma ma tantx nara tajjeb minħabba l-katarretti. Kont nieħu gost naqra. Madankollu nħossni xxurtjata għax għandi l-appartament tiegħi u nista' nieħu ħsieb tiegħi nnifsi, imma niddejjaq inħares biss lejn il-ħitan. In-nies huma qalbhom tajba, imma għandhom il-ħajja tagħhom u ma tantx nistenna minn għandhom. Ma tantx inħossni daqshekk f'saħħti; imma x'nista' nistenna aktar fl-eta' tiegħi ?"

a. X'taħseb dwar l-istat ta' saħħa ta' Rose?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(3)

b. Semmi ħames modi kif Rose tista' tiġi mgħejjuna biex ittejjeb saħħitha.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________(5)

2.




a. Ħares lejn din il-mappa li turi l-qasma bejn il-pajjiżi fqar u dawk sinjuri. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 100 kelma dwar it-tqassim tal-ġid fid-dinja. (12)

3. "Evita l-postijiet fejn tinbiegħ/tintuża d-droga. Jekk qed taħseb biex tibda, aħjar le. Irid ikollok rieda soda. Meta xi ħadd jgħaddilek xi droga, fil-fatt ikunu qed jgħidulek 'Ejja ħa nirrovinalek ħajtek" (Elizabeth, 22 sena, tieħu l-kokaina)

a. Għaliex xi nies jibdew jieħdu d-drogi? Agħti tliet raġunijiet.

________________________________________

________________________________________

________________________________________(3)

b. Iż-żgħażagħ kif jakkwistaw id-drogi?

________________________________________

________________________________________(2)

c. X'inhi l-attitudni tiegħek lejn dawk li jbiegħu d-droga liż-żgħażagħ?

________________________________________

________________________________________

________________________________________(5)

d. X'azzjoni kont tieħu li kieku ssib ħabib/a li j/tieħu d-droga?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

e. Elizabeth tgħid: "Irid ikollok rieda soda" jekk joffrulek biex tieħu d-droga.

i) Xi trid tfisser b'dan?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

ii) Kif kont tiffaċċja s-sitwazzjoni fejn xi ħadd iġagħlek tipprova xi ħaġa li ma tridx?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

( 45 marka )

TAQSIMA C

*Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 250 kelma dwaru:*

1. "Huma x'inhuma l-kawżi ta' gwerra, t-tbatija tkun dejjem kbira ħafna."
   X'taħseb dwar din l-istqarrija.
2. "Dawn l-aħħar mitt sena kienu snin ta' taqlib, kuntrasti u bidla li bilkemm titwemmen." Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?
3. Immaġina li int Membru Parlamentari u għandek ir-responsabilta' li tintroduċi liġi ġdida fil-Parlament.
   a. X'liġi ġdida tixtieq tintroduċi?
   b. Ikteb diskors fejn tispjega l-liġi ġdida tiegħek u tirrakkomandaha lil sħabek Parlamentari.
4. "Tajjeb li nassiguraw li, waqt li l-mara tieħu dak li hu tagħha bi dritt u li għamlet sekli sħaħ imċaħħda minnu, ma titlef xejn mill-karatteristiċi partikulari tagħha li jiddistingwuha mir-raġel." Ikkummenta.
5. Is-soċjeta' qed tagħraf dejjem aktar lill-anzjani u l-bżonnijiet tagħhom. X'taħseb?
6. "Minn għodda iżolata (li taħdem biha int biss), il-kompjuter sar mezz ta' telekomunikazzjoni soċjali li jagħti aċċess għal għadd ta' servizzi fl-oqsma kollha." Iddiskuti.

( 25 marka )